MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 50/2012

**John Magro and Ian Zammit f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` J & H Magro Limited**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**
**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Perit Ian Zammit (ID 348064 M) u ta' John Magro (ID 50955G) f' isem u in rapprezentanza ta' J & M Magro Limited (C 6215) datat 18 ta' April 2012 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta` applikazzjoni fil-15 ta` Frar 2007, il-Perit Ian Zammit u l-kumpanija J & M Magro Limited (rapprezentata minn John Magro) applikaw sabiex jaghmlu xoghol ta` zvilupp fil-proprjeta` Nri 7-11, Triq Santu Rokku, Birkirkara konsistenti fi "*demolition of*

*existing buildings and construction of garages and apartments*".

Illi permezz ta` decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp tas-27 ta` Ottubru 2010 l-applikazzjoni giet rifjutata u dan ghal tlett ragunijiet u cioe`:

1. *The proposed development is unacceptable since it does not comply with policy 3.7 – minimum dwelling size of development control policy and design guidance 2007.*

2. *The proposed development will detract from the overall objectives of the structure plan for the preservation and enhancement of buildings, spaces and townscapes within urban conservation areas and so does not comply with structure plan policy UCO6.*

*3. The proposal does not comply with structure plan policy UCO7 which only permits the demolition of buildings in urban conservation areas where the replacement building will be in harmony with its surroundings. The design of the proposed building is such that it is not considered to be an acceptable replacement*.

Illi l-esponenti appellaw minn din id-decizjoni liema appell gie intavolat fid-9 ta` Novembru 2010.

Illi permezz ta` sentenza tat-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta` Marzu 2012 it-Tribunal iddecieda hekk:

"Ghalhekk, *in vista* tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, dan it-Tribunal qed jiddisponi minn dan l-appell mir-rifjut ghall-PA 1087/07, kif mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta` l-Izvilupp, fis-27 ta` Ottubru 2010, billi jilqa l-istess limitatament u jordna s-segwenti:

1. Li fi zmien tletin (30) gurnata, l-Awtorita` tqabbad *conservation architect* ghas-spejjez tal-appellanti nomine, b'dana li

a. Jigi ppreparat *method statement* dettaljat ta` kif ghandu jigi kkonsolidat, ippreservat u rrestawrat dak li hemm bhal issa, kif ukoll kif ghandhom jinbnew (*reconstructed*) il-partijiet neqsin u li waqghu minn meta hareg il-permess PA 286.05 sal-lum; inkluzi kull xogholijiet ta` nfurzar *etc*. li ghandhom isiru taht l-art, gewwa u madwar l-istruttura, kif ukoll ta` kull xoghol gdid u li ghandu jsir skond is-sengha u li ezattament jixbah dak li kien hemm qabel.

b. Jigi determinat il-valur fiziku w intrinsiku tal-istruttura:

i. kif kienet meta nhareg il-permess originali PA 286/05, daqs li kieku ghadha tezisti llum *in toto* u f'kundizzjoni tajba,

ii. kif ukoll tax-xogholijiet li ghandom isiru sabiex din l-istruttura terga tinbena u titlesta skond il-*method statement* indikat *supra*.

c. L-Awtorita` meta tkun sodisfatta minn dawn l-istudji (*method statement* u *valuations*), ghanda tibghathom ghall-approvazzjoni ta` dan it-Tribunal.

2. Li l-appellanti *nomine* ghandhom ihallsu multa ekwivalenti ghall-oghla wahda minn dawk indikati permezz tas-subincizi (i) u (ii), tal-kundizzjoni 1 (b), hawn fuq.

3. Li fiz-zmien sitt xhur minn meta jigi approvat il-*method statement*, l-Appellanti *nomine* jridu jibnu ghas-spejjez taghhom, l-istruttura kif indikata fl-istess dokument. L-Awtorita` ghandha tigi nfurmata meta jitlestew ix-xogholijiet sabiex tizgura li r-*reconstruction* saret kif kienet approvata u fit-terminu mpost. Fin-nuqqas ta` dan, japplikaw is-sanzjonijiet tal-ligi.

4. Wara li l-istruttura terga` tinbena skond kif indikat fil-kundizzjoni 3 hawn fuq, l-applikanti *nomine* huma mistiedna jipprezentaw applikazzjoni gdida li tissostitwixxi

dik mertu tal-appell *de quo*. Meta l-Awtorita` tkun qed tikkunsidra l-proposta l-gdida, trid tevalwa l-istruttura kif rikostruita bhall li kieku nbniet illum, u ghalhekk tapplika l-*policies* u l-ligi tas-sanita` *in vigore* u kif normalment taghmel b'applikazzjonijiet normali."

Illi l-esponenti hassuhom aggravati b'din id-decizjoni u ghalhekk qieghdin jinterponu dan l-appell.

Illi <u>fl-ewwel lok</u> jigi rilevat li s-sentenza hija nulla u bla effett u dan *stante* illi ma inghatatx fl-istess okkju tal-kaz li kien qed jinstema` quddiem it-Tribunal. Effettivament kif jidher mill-Avviz hawn anness jidher illi l-appell kien maghmul minn:

"Ian Zammit and John Magro obo J & M Magro Limited"

mentri fil-fatt fis-sentenza tal-appell hemm miktub illi l-appell sar minn

"John Magro u Ian Zammit in rapprezentanza tas-socjeta` J & H Magro Limited".

Ian Zammit fl-ebda mod ma kien qieghed jipprezenta l-kumpanija J & M Magro Limited u *inoltre*, s-sentenza inghatat fil-konfront ta` J & H Magro Limited u mhux fil-konfront ta` J & M Magro Limited.

Illi dan huwa zball fl-okkju u li ma jistghax jigi kkoregut minn din l-Onorabbli Qorti u konsegwentement m'hemmx alternattiva hlief li s-sentenza tigi mhassra u l-atti jigu rinvjati lura quddiem it-Tribunal.

Illi <u>fit-tieni lok</u> u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, l-esponenti jikkontendu wkoll illi s-sentenza hija rrita u nulla billi hija *ultra vires*.

i. Fil-kaz odjern l-applikanti applikaw biex jiddemolixxu zewg binjiet ezistenti u jissostitwuhom b' garaxxijiet u appartamenti godda. Ghalhekk il-proposta quddiem it-Tribunal ma kienx biex bini ezistenti jigi konservat jew rijabilitat jew rikostruwit kif attwalment iddecieda t-

Tribunal. Fis-sentenza tieghu, t-Tribunal hareg bi proposta kompletament opposta ghal dak li ghalih applikaw l-esponenti. Huma talbu li l-binjiet ezistenti fuq dan is-sit jitwaqqghu *in toto*, (hlief ghall-faccata ta’ Nri 10 & 11, li ma ssemmietx fid-decisjoni tat-Tribunal u ghadha f’kundizzjoni tajba) u li minflok issir kostruzzjoni gdida li ma tkun x’taqsam xejn ma` dak li kien hemm qabel. Ghalkemm id-decizjoni tat-Tribunal ma jispecifikax ghal liema binja fis-sit qieghed jirreferi, mill-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal minn pagna 8 sa 11 huwa car li qed jirreferi ghal hekk imsejjah “mill room” fuq wara tas-sit. Il-pjanti li gew rifjutati mid-D.C.C. ma kienux jindikaw iz-zamma jew ir-rikostruzzjoni tal-binja fuq in-naha ta’ wara tas-sit in kwistjoni u ghalhekk mhux veru li t-Tribunal laqa’ xi parti mill-applikazzjoni tal-esponenti.

Il-Bord tal-Appell kellu l-poter biss jevalwa dawn l-ahhar pjanti kif sottomessi u, *stante* li fil-mori tal-appell ma gewipprezentati l-ebda pjanti godda, it-Tribunal tal-Appell ma kellhux il-poter johrog bi proposta totalment gdida li tmur *oltre* dak li talab l-appellanti.

ii. It-Tribunal tal-Appell seta` jew jilqa` l-appell u jawtorizza l-binja kif mitluba jew inkella jichad l-appell u jirrifjuta l-applikazzjoni. Ghalkemm il-ligi illum vigenti taghti l-fakulta’ lit-Tribunal li jsiru modifiki zghar fil-pjanti li jkunu qeghdin jigu sottomessi ghall-konsiderazzjoni taghha, permezz ta’ **artikolu numru 5 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504,** jekk il-Qorti jidhrila li dan il-**Kap. 504** huwa applikabbli ghall-kaz u dan *stante* l-fatt li kemm l-applikazzjoni u kif ukoll l-appell gew introdotti qabel ma gie fis-sehh dan l-Artikolu tal-ligi, fl-ebda hin ma t-Tribunal talab li jigu prezentati dokumenti u pjanti godda ghall-konsiderazzjoni taghha. Certament it-Tribunal, kieku dehrlu li ghandu jaghmel hekk, facilment seta` jitlob lill-esponenti sabiex b’mod komprensiv issir is-sottomissjoni ta` pjanti godda u, jekk dehrilhom li l-binja in kwistjoni kellha tigi konservata, li dawn il-pjanti l-godda jikkomprendu wkoll pjan ta` kif din il-kamra ghandha tigi konservata u hemmhekk l-applikant ikollu l-jedd jaghzel jew ma jaghzilx din l-opportunita, izda fil-kaz odjern it-

Tribunal m'ghamel xejn minn dan u qabad u ta s-sentenza kif fuq inghad.

iii. It-Tribunal ghogbu jimponi multa li tinhadem minn terzi. Apparti l-fatt li meta gie sottomess l-appell, l-**Kap 504** ma kienx *in vigore* u ghalhekk multa ma tistghax tigi imposta retroattivament u tigi reza applikabbili ghall-kaz gja pendenti, lanqas ma hu lecitu li multa tinhadem minn persuna/persuni li huwa estraneji ghat-Tribunal bil-possibilita' ulterjuri li din anke tezorbita l-massimu li jista' jigi impost mil-istess Tribunal.

Ghalkemm t-Tribunal qal li qed jilqa' l-appell *in parte*, fil-verita dan mhux l-kaz. L-ebda parti tal-appell ma gie milqugh. *Addirittura* jidher ovvju illi d-decizjoni kienet wahda ta` rifjut u punittiva ghall-esponenti tant illi, ghal dak li jirrigwarda bini gdid, indirizzaw lill-esponenti jaghmlu applikazzjoni totalment gdida li tigi meqjusa taht *policies* vigenti u dan ovvjament b'impatt ta` spejjez godda ohra *stante* illi l-*application fees* il-godda huma madwar tlett darbiet aktar minn kemm kienu jiswew l-applikazzjonijiet fiz-zmien li gie intavolata l-applikazzjoni.

<u>Fit-tielet lok,</u> apparti zbalji legali u kif wkoll ta' indoli procedurali, hemm anke zball ta' fatt relattiv ghal-kummenti tat-Tribunal dwar l-*mill room*.

Permezz ta' permess iehor numru 285/05 l-esponenti inghata l-permezz li jizviluppa parti mis-sit *de quo* izda dan kien kondizzjonat fis-sens li l-*mill room* tigi preservata taht garanzija ta' €1,000.

Sussegwentment l-esponenti akkwistaw proprjeta ohra adjacenti u ghalhekk intavolaw l-applikazzjoni odjerna (PA1087/07) sabiex jinkoporaw is-sit il-gdid. Gara illi:

i. L-*Cultural & Heritage Advisory Committee* (CHAC) permezz ta' minuta 15 fil-27 Marzu 2007, ma sabx oggezzjoni li l-*mill room* tigi demolita

ii. Fit-2 ta’ April 2007, (*cioe* jumejn xoghol wara), il-case officer talab lill-CHAC biex tirrikonsidra l-posizzjoni taghha.

iii) Ic-CHAC immedjatament biddlet il-posizzjoni taghha u irrakkomandat li “l-*mill-room* ma ghandiex taqa’.”

iv) L-esponenti talbu l-CHAC (li huwa kompost minn xi 14 il- persuna)fil-kaz ta’ din l-applikazzjoni jkun opportun li taghmel access fuq il-post u mhux tistrieh fuq l-opinjoni ta’ persuna wahda, li kienet ghamlet xi minuta hin f’din il-kamra in konnessjoni mal-applikazzjoni PA285/05, u f’ dak il-kaz ic-CHAC kienet strahet l-opinjoni ta’ din il-persuna wahda. Din t-talba li ssir spezzjoni gdida mis-CHAC odjern kienet intlaqghet, izda fil-fatt dan is-*site inspection* baqa’ ma sarx.

Fir-<u>raba lok</u> jidher li l-konkluzjoni tat-Tribunal hija pernjata fuq dak li hemm dispost fl-**artikolu 81 (9) tal-Kap 504** gja l-**artikolu 46 (7) tal-Kap 356**. Dawn id-disposizzjonijiet japplikaw biss ghal-propjeta’ skedata li tigi demolita’ u ma jistghux jigu applikati hlief wara li jsir process xieraq u bi dritt ghal-appell quddiem t-Tribunal.

Il-“mill room” *de quo* <u>m’hiex skedata u l-anqas ma giet demolita</u> u konsegwentement l-imsemmija disposizzjonijiet ma jistghux jigu applikati. F’kull kaz, tali kwistjoni kienet *ultra vires stante* li dan ma kienitx mertu tal-proceduri tal-appell quddiem t-Tribunal. Mhux lecitu li, fi stadju ta’ Appell, tigi introdotta akkuza gdida *ex-officio* mit-Tribunal u l-esponenti jsir jaf biha biss fis-sentenza.

<u>Fil-hames lok</u>, minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, anke jekk ghal grazzja ta l-argument wiehed kellu jaccetta li t-Tribunal kien *intra vires*, jigi rilevat li irrizulta li din l-*mill room* ma kenetx l-eqdem zvilupp fuq is-sit. L-MEPA kienet gja taghat permess li bini iehor fuq dan is-sit li kien eqdem jigi demolit.

Peress illi l-*mill room* kienet inbniet *piecemeal*, fil-mori tal-applikazzjoni odjern bdiet tiddetterjora u waqa’ parti mis-

saqaf. Kien l-esponenti stess li attira l-attenzjoni tal-MEPA dwar dan b' ittra tal-25 ta' Ottubru 2007 fejn talab li pendenti l-applikazzjoni jnehhi xi partijet perikolanti tal-*mill room* - gebla gebla  u jerfaghhom, sabiex fil-kaz li ma tintlaqax il-parti mit-talba taghhom biex titwaqqa' l-*mill room*,  ikunu jistghu jwettqu x-xogholijiet rimedjali.

Qatt ma nghatat risposta jew decizjoni mill-MEPA dwar dan u ghalhekk, apparti li dan ma kienx l-mertu ta' l-appell quddiem t-Tribunal, mhux sew li l-esponenti jigu penalizzati meta kienet l-MEPA stess li naqqset, sa mill-2007, li taghti risposta lill-esponenti.

Apparti dan, fil-permess PA 286/05 l-MEPA kienet gja taghat provvedimenti dwar l-*mill room* u konsegwentement s-sentenza tat-Tribunal li imponiet multa ohra tikkonstitwixxi sentenza ohra fuq l-istess oggett liema oggett kien gja determinat u ghalhekk l-esponenti ma jistghux jigu processati darbtejn fuq l-istess oggett.

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi kollha prodotti u jirrizervaw li jipproducu dawk il-provi ulterjuri lilhom permessi skont il-ligi komprizi l-intimat in subizzjoni, jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar intestata fl-ismijiet premessi bir-referenza  Appell numru 309/10 CF, PA 1807/07 u tirrinvija l-atti lit-Tribunal sabiex tittiehed decizjoni skond il-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta' Awwissu 2012 a fol 11b tal-process, fejn permezz taghha esebiet vera kopja tal-*file* tat-Trubunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet "**John Magro u Ian Zammit f'isem u in rapprezentanza Tas-Socjeta` J & M Magro Ltd vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 22 ta' Ottubru 2012 a fol 12 tal-process fejn eccepiet: -

Illi permezz ta' applikazzjoni fil-15 ta' Frar 2007, il-Perit Ian Zammit u l-kumpanija J & M Magro Limited applikaw sabiex jaghmlu xoghol ta' zvilupp fil-propjeta' Nri 7-11, Triq Santu Rokku, Birkirkara konsistenti fi *demolition of existing buildings and construction of garages and appartments.*

Illi permezz ta' decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp tas-27 t'Ottubru 2010 l-applikazzjoni surriferita giet rifjutata *inter alia* minhabba is-segwenti ragunijiet:-

*1. The proposed development is unacceptable since it does not comply with policy 3.7- minimum dwelling size of development control policy and design guidance 2007.*

*2. The proposed development will detract from the overall objectives of the structure plan for the preservation and enhancement of buildings, spaces and townscapes within urban conservation areas and so does not comply with structure plan policy UCO6.*

*3. The proposal does not comply with Structure Plan Policy UCO7 which only permits the demolition of buildings in urban conservation areas where the replacement building will be in harmony with its surroundings. The design of the proposed building is such that it is not considered to be an acceptable replacement.*

Illi minn din d-decizjoni gie intavolat appell quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar nhar id-9 ta' Novembru 2010.

Illi permezz ta' decizjoni moghtija nhar id-29 ta' Marzu 2012, it-Tribunal ippronunzja ruhu fis-sens illi:-

*Ghalhekk, in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, dan it-Tribunal qed jiddisponi minn dan l-Appell mir-rifjut ghal-PA 1087/07, kif mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, fis-27 ta' Ottubru 2010, billi jilqa l-istess limitatament u jordna s-segwenti:*

*1. Li fi zmien (30) gurnata, l-Awtorita' tqabbad conservation architect ghas-spejjez tal-Appellanti nomine, b'dana li*

*a. Jigi ppreparat method statement dettaljat ta' kif ghandu jigi kkonsolidat, ippreservat u rrestawrat dak li hemm bhal issa, kif ukoll kif ghandhom jinbnew (reconstructed) il-partijiet neqsin u li waqaw minn meta hareg il-permess PA 286.05 sal-lum; inkluzi kull xogholijiet ta' nfurzar etc. Li ghandhom isiru taht l-art, gewwa u madwar l-istruttura, kif ukoll ta' kull xoghol gdid u li ghandu jsir skont is-sengha u li ezattament jixbah dak li kien hemm qabel.*

*b. Jigi determinat il-valur fiziku w intrinsiku tal-istruttura:*

*i. Kif kienet meta nhareg il-permess originali PA 286/05, daqs li kieku ghadha tezisti illum in toto u f'kundizzjoni tajba.*

*ii. Kif ukoll tax-xogholijiet li ghandhom jsiru sabiex din l-istruttura terga tinbena u titlesta skond il-method statement indikat supra.*

*c. L-Awtorita' meta tkun sodisfatta minn dawn l-istudji ghandha tibghathom ghall-approvazzjoni ta' dan t-Tribunal.*

*2. Li l-appellanti nomine ghandhom ihallsu multa ekwivalenti ghall-oghla wahda minn dawk indikati permezz tas-subinciz (i) u (ii) tal-kundizzjoni 1(b), hawn fuq.*

*3. Li fiz-zmien sitt xhur minn meta jigi approvat il-method statment, l-appellanti nomine jridu jibnu ghas-spejjez taghhom, l-istruttura kif indikata fl-istess dokument. L-Awtorita' ghandha tigi infurmata meta jitlestew ix-xogholijiet sabiex tizgura li r-reconstruction saret kif kienet approvata u fit-terminu mpost. Fin-nuqqas ta' dan japplikaw is-sanzjonijiet tal-ligi.*

*4. Wara li l-istruttura terga tinbena skont kif indikat fil-kundizzjoni 3 hawn fuq, l-Applikanti nomine huma mistiedna jipprezentaw applikazzjoni gdida li tissostitwixxi dik mertu tal-appell de quo. Meta l-Awtorita' tkun qed tikkunsidera l-proposta l-gdida, trid tevalwa l-istruttura kif rikostruita bhal li kieku nbniet illum u ghalhekk tapplika l-policies u l-ligi tas-sanita in vigore u kif normalment taghmel b'applikazzjonijiet normali.*

Illi mid-decizjoni tat-Tribunal sudetta gie ntavolat l-appell odjern.

Illi kwantu ghall-ewwel aggravju u cioe' li l-okkju fis-sentenza huwa hazin, tirrileva li l-izball jidher li huwa kaz ta' *typing error*. Fi kwalunkwe kaz tistieden lill-Qorti tara l-applikazzjoni originali u tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti.

Illi fir-rigward tal-aggravji l-ohra kollha jirrizulta li m'humiex punt ta' dritt peress li ghalkemm l-appellant jipprova jpingihom taht il-kappa ta' *ultra vires* jew zbalji legali jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-artikoli tal-*planning* relevanti, fil-verita huma kollha aggravji koncernanti kostatazzjonijiet ta' fatt maghmula mit-tribunal u kwindi l-appell *de quo* huwa inostenibbli peress li mhux punt ta' dritt.

In fatti kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti '***il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti t-Tribunal ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tat-Tribunal, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn din il-Qorti f'appelli bhal dawn (Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002).***

Illi fil-meritu l-Awtorita' esponenti umilment tissottometti li r-ragunijiet ta' rifjut elenkati fid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp tas-27 ta' Ottubru 2010 huma gusti u jimmeritaw konferma u ghalhekk *a skans* ta' repetizzjoni l-Awtorita' esponenti qeda zzomm fermi s-sottomissjonijet kollha taghha avvanzati quddiem it-Tribunal u taghmel referenza ghall-istess ghall-finijiet ta' din ir-risposta liema ragunijiet u sottomissjonijiet ghandhom jitqiesu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, bhala parti integrali minn din ir-risposta.

Daqstant ghandha l-unur l-Awtorita' esponenti x'tissottometti ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din il-wisq Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Ottubru 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-appellant u l-Perit Ian Zammit ghall-istess; u Dr. Noel Bartolo deher ghall-Awtorita` Appellata. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-isem tal-Kumpanija hu “J & M Magro Limited” mentri fis-sentenza deciza mit-Tribunal giet indikata bhala “J & H Magro Limited”. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-15 ta' Novembru 2012

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

L-ewwel aggravju mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 29 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **“John Magro & Ian Spiteri f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' J & H Magro Ltd. vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (Appell Numru 309/10 CF) hija fis-sens li d-decizjoni hija nulla u bla effett ghaliex tali decizjoni ma ttiehditx fil-konfront tas-socjeta' J & M Magro Ltd li kien ghamel l-appell quddiem l-istess Tribunal.

Illi fil-fatt jirrizulta li s-sentenza li inghatat fil-konfront tas-socjeta' J & M Magro Limited, kif jirrizulta mill-okkju tal-istess sentenza, quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u dan meta jidher car li l-appell quddiem l-istess Tribunal fid-9 ta' Novembru 2004 gie interpost minn *"Ian Zammit & John Magro o.b.o J & M Magro Ltd."* Dan jinsab ikkonfermat mir-rifjut li inbaghtet mid-DCC stess datata 6 ta' April 2004 lil *"John Magro & Ian Zammit obo J & M Magro Ltd".*

Illi l-istess jirrizulta mill-avviz datat 24 ta' Jannar 2004 miktuba mill-istess Tribunal lill-appellanti *nomine* u dak li datat 12 ta' Marzu 2012 li informa lill-appellanti bid-data tas-sentenza li kellha ssir ghad-29 ta' Marzu 2012.

Illi minkejja dan jidher li l-decizjoni inghatat fil-konfront tas-socjeta' J & H Magro Limited u dan jidher li sar bi zvista, izda l-gurisprudenza konstanti hija fis-sens li tali zball igib in-nullita' tad-decizjoni anke ghaliex ma jistax jigi rimedjat minn din il-Qorti.

Illi jinghad li l-punt ta' zball fl-okkju tas-sentenza gie trattat diversi drabi fil-gurisprudenza tal-Qrati u issir riferenza ghas-sentenza **"Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe"** (P.A. 26 ta' Gunju 1957) fejn intqal hekk:-

*"Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta' wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita' ta' dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200)."*

Illi l-istess fis-sentenza **"Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe"** (P.A. 10 ta' Dicembru 1963):-

*"… illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta' xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita' ta' l-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza."*

Illi mbaghad fis-sentenza **“Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem ta’ l-attur, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet:-

*“Dan hu zball ta’ sustanza li l-Qorti ta’ l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **“Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba”** deciza fl-4 ta’ Mejju 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :*

*“… din il-Qorti fit-termini ta’ l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta’ li tikkoregi kull zball li jirrizulta f’kull att li jigi pprezentat wara s-sentenza ta’ l-ewwel istanzi imma din il-fakolta’ ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha” (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta’ Dicembru 1990 fl-ismijiet **“Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt”** u s-sentenza fl-ismijiet **“Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja”** ukoll deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Marzu 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta’ l-1995; is-subinciz 2 ta’ l-artikolu 175 l nfatti ma jirrizultax b’xi mod emendat. Il-Qorti ta’ l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista’ taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta’ dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kinux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-*

*sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata.”*

Illi fis-sentenza **“Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C, Cit. Nru 344A/98 - 23 ta’ April 2001), hemm l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irreferiet ghas-sentenza moghtija fl-14 ta’ April 1997, fil-kawza **“Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*“Dan huwa zball ta’ sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta’ dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta’ l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita’ tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dana l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat.”*

*“Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x’jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F’termini legali hemm differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta’ ndividwu kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita’ ta’ sustanza.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie wkoll deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **“Catherine Ripard vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino”** (A.I. C. (RCP) – 18 ta’ Novembru 2004) fejn saret referenza ghall-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** li jghid hekk:-

*“(2) Kull Qorti fi grad ta’ appell tista’ wkoll tordna jew tippermetti, f’kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball*

*fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista' sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju."*

Illi dawn l-istess insenjamenti gew segwiti f'kazijiet ta' zbalji fl-ismijiet tal-partijiet quddiem tribunali kwazi gudizzjarji bhalma kien il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u fejn anke gie trattat il-punt jekk il-Qorti tistax tikkoregi isem tal-partijiet f'decizjoni hekk moghtija u fil-kawza **"Joseph Zammit vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Ottubru 2004) inghad li dan ma' jistax issir ghaliex *"l-izball .... sar fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar* ( u din) *tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista' jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali."*

Illi fl-istess sentenzi citati anke ta' din il-Qorti fosthom dawk fl-ismijiet **"Anthony Galea vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' April 2006) u **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** (A.I.C. (RCP) – 18 ta' Novembru 2004) jinghad li johrog car li l-provedimenti ta' l-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** jirreferu ghal zball ta' forma jew dattilografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni mill-Qorti ta' Prim' Istanza (u *se mai* ta' kwalunkwe organu iehor), u mhux ghal zbalji li jolqtu direttament is-sostanza u l-mertu tal-kawza proprja, u f'dan il-kaz d-decizjoni stess ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fil-fatt dan huwa l-mertu ta' l-appell odjern.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li la darba quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar sar mis-socjeta' hemm indikata mela allura l-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kellha tinghata fil-konfront taghha u ghalhekk kellha tkun hija indikata fl-okkju tal-istess

decizjoni tat-Tribunal, haga li manifestament ma’ saritx fid-decizjoni llum mertu ta’ dan l-appell datata 29 ta’ Marzu 2012. Fil-fatt f’dan il-kaz saret fil-konfront ta’ socjeta’ ohra. Hawn issir riferenza ghas-sentenza ricenti **“Anton Camilleri et vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** datata 21 ta’ Gunju 2011 fejn gie ritenut li tali eccezzjoni tista’ titqajjem *ex ufficio* mill-Qorti ghaliex hija ta’ ordni pubbliku (ara wkoll is-sentenza **“Alex Scicluna vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** datata 12 ta’ Mejju 2011 dwar kif certu punti ghandhom jitqajjmu *ex officio* mill-Qorti).

Illi dan l-izball jannulla ghal kollox il-proceduri kollha li saru quddiem l-istess Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar, inkluz allura d-decizjoni ta’ l-istess Tribunal tad-29 ta’ Marzu 2012 u dan peress li l-izball in kwistjoni jbiddel ghal kollox l-identita’ tal-persuna u l-effetti kollha ta’ l-ordnijiet mahruga mill-Awtorita’ nnifisha.

Illi ma hemmx dubju li l-Qorti ghandha timxi fuq tali insenjament u dan peress li hija gurisprudenza konstanti li zball fl-okkju tas-sentenza huwa zball ta’ sustanza inkwantu hu fl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ dawk il-partijiet, kontendenti fil-kawza, li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza appellata taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma’ jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma’ tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi retifikat u dan jista’ jsir biss mill-Qorti, jew f’dan il-kaz mit-Tribunal li ppronunzja l-istess decizjoni. **(“Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo *nomine”*** – A.C. – 28 ta’ Frar 1997; **“Gaetano Sammut et vs Pauline Sammut”** – A.I.C. (PS) – 15 ta’ Dicembru 2003; **“Joseph Zammit vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) – 26 ta’ Ottubru 2004). Ghalhekk fid-dawl ta’ dak kollu premess d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar tirrizulta li hija sostanzalment difettuza u qed tigi annulata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li din il-Qorti tichad r-risposta tal-appell tal-Awtorita' appellata datata 22 ta' Ottubru 2012 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mis-socjeta' appellanti J & M Magro Limited fir-rikors tal-appell datat 18 ta' April 2012 fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hija nulla minhabba li l-okkju tal-istess decizjoni huwa skorrett** u b'hekk thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 29 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **"John Magro & Ian Zammit f'isem u in rappresentanza tas-socjeta' J & H Magro Ltd vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (Appell Numru 309/CF – PA 1087/07) u b'hekk tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lit-Tribunal Ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-gdid mill-istess Tribunal debitament kompost skont il-ligi fid-dawl ta' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------